**MINUTI**

**Minuti tal-54 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa
Il-Kunsilliera Marion Parnis

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

ASSENTI

Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640544*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**54.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**54.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**54.1.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tal-53 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija.

**54.2** KORREZZJONI

**54.2.1** Item 53.3.5 jitneħħew il-kelmiet "minn Agius Stone Works" u b'hekk il-paragrafu jiġi jaqra *"Is-Sindku qal li sussegwentement il-ħsara li kienet ikkawżata mill-maltemp fir-roundabout ta' bejn Triq l-Imqabba u Triq it-Tempesta fuq ir-replika tat-tempju ta' Ħaġar Qim, din ser titranġa b'mod professjonali."*

**54.2.2** Item 53.3.17 iċ-ċifra għandha tiġi taqra €680,000 u mhux €350,000.

**54.2.3** Il-Kunsillier Charles Zerafa propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet kif indikat hawn fuq.

**54.2.4** **PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**
Ma tqajjem l-ebda punt mill-Minuti.

**54.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**54.3.1** Is-Sindku qal li fil-25 ta' Marzu kien hemm attivita' ta' tindif mar-Reġjun Punent f'Wied Ħal Luq fejn inġabru sebgħin kilo skart. Huwa rringrazzja lil dawk li pparteċipaw.

**54.3.2** Fi Frar kien hemm żjarat minn team ta' film Ġermaniż fil-Qrendi u anka grupp ta' studenti barranin fejn ġew imdawra mis-Sindku mal-lokalita'.

**54.3.3** Is-Sindku attenda seminar organizzat mir-Reġjun Punent dwar vjolenza domestika.

**54.3.4** Fit-2 ta' Marzu 2023 ġiet imsejħa konferenza stampa mill-Ministeru tal-Infrastruttura rigward ix-xogħolijiet fi Triq is-Sejba.

**54.3.5** Fl-4 ta' Marzu 2023 attenda għall-inawgurazzjoni ta' esibizzjoni f'Wied Xutu.

**54.3.6** Is-Sindku qal li ressaq il-proposta għal tpoġġija ta' BCRS fi Triq iż-Żogħżija u qed tiġi kkunsidata.

**54.3.7** Is-Sindku nforma li l-manager tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Punent preżentat lista ta' attivitajiet kulturali fi ħdan ir-Reġjun.

**54.3.8** Is-Sindku nforma dwar attivita' li saret minn Xircammini fejn għaddew minn San Mattew u l-Madonna tal-Ħniena. Hu qal li kien hemm attendenza tajba.

**54.3.9** Is-Sindku informa li fix-xahar ta' Marzu kien hemm żjara mit-tfal tal-iskola tan-Nadur u żjara mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

**54.3.10** Is-Sindku informa li tħawlu ammont ta' siġar u arbuxelli li ngħataw sponsor mill-HSBC lir-Reġjun Punent.

**54.3.11** Huwa informa li attenda għal diversi laqgħat fosthom mal-Building Contruction Industry, ma' Transport Malta dwar Mobilita' u mal-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi rigward diversi xogħolijiet.

**54.3.12** Is-Sindku informa li ġew imnedija diversi skemi finanzjarji kif elenkati haw taħt:

- SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024

Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika għal festa tal-Patata tas-sena d-dieħla. Jekk approvata, l-iskema ser tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €20,000 (Inkluż il-VAT). L-applikazzjoni ser tkun għal massimu tal-ammont, u l-Kunsill jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u li kapaċi jissodisfa l-Artiklu 7.14 taċ-Ċirkolari SPI/SCI/1/2023 dwar l-iskema, inkluż l-ammont ta' 15% li jiġi ffinanzjat lokalment. Is-Sindku qal li l-kunsillier responsabbli tal-attivitajiet Kulturali għandu jkun inkarigat fil-mili tal-applikazzjoni peress li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

- SPI/SCI/02/2023- Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.
- SPI/SCI/03/2023 - The World Clean Up Campaign 2023
- SPI/SCI/04/2023 - Skema finanzjarja- komunitajiet aktar siguri u organizzati
- SPI/SCI/05/2023 -Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- 

Is-Sindku qal li dawn l-iskemi fihom ħafna xogħol biex issir l-applikazzjoni u talab lill-kunsilliera responsabbli biex jieħdu l-inkarigu ta' skemi li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħhom.

**54.3.13** Is-Sindku qal li l-istedina lid-delegazjoni Pollakka biex jattendu għall-festival tal-Patata mhix vjabbli peress li ma fadalx żmien u propona li jiġu mistednin għal festa.

**54.3.14** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-proġettista spanjol fejn saqsa jekk il-Kunsill Lokali tal-Qrendi hux interessat jissieħeb fi proġett b'fondi Ewropej b'leader il-Bulgarija. Is-Sindku wieġeb fl-afermattiv u informa li din għadha fil-fażi t'applikazzjoni.

**54.3.15** Is-Sindku informa li ser jattendi għal proġett fil-Ġordan flimkien mal-Kunsillier Charles Zerafa fuq is-suġġett Razzismu, Inklużjoni, u Reliġjon. Dan huwa proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropeja.

**54.3.16** Is-Sindku informa dwar il-filming tal-Kult Marjan rigward il-Mixja għal Paċi u t-turiżmu reliġjuż.

**54.3.17** Is-Sindku semma il-kwistjoni ta' sigurta' quddiem l-Iskola. Huwa qal li wara laqgħat mal-Pulizija rriżulta li m'għandhomx biżżejjed uffiċjali. Is-Sindku qal li s-sigurta' mhix f'idejn il-Kunsill iżda f'idejn l-awtorita' tal-Pulizija u li m'hemmx biżżejjed riżorsi umani mhix ġustifikazzjoni fejn tidħol sigurta'. Is-Sindku qal li l-ġenituri huma mħassba u kien hemm komunikat minn individwu dwar dan lid-Dipartiment Gvern Lokali issa ma kien hemm l-ebda risposta.

**54.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**54.5 TENDERS**

**54.5.1** Is-Sindku qal li t-tender tal-knis għadu qed jiġi evalwat minħabba li kien għad hemm xi problemi tekniċi. Sadanittant, il-bord tal-evalwazzjoni beda xorta jevalwa l-offerti mitfugħa.

**54.5.2** It-tender fuq ir-restawr ġie ffirmat u ser jibda x-xogħol rikjest b'mod imminenti.

**54.5.3** It-tender tal-lift issa li ġie evalwat b'mod tekniku mill-inġineer għandha ssir l-evalwzzjoni mill-bord.

**54.5.4** Il-Kunsill għadu ma rċeviex il-garanziji bankarji fuq tender tal-patching u tal-Imprint minkejja diversi tfakkiriet.

**54.5.5** Rigward il-proposta tal-ispecifications tat-tender taċ-ċentru ċiviku, il-BOQ telgħet għall-ammont ta' €850,000. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jesplora minn fejn jistgħu jiġu akkwistati dawn l-ammont ta' fondi peress li mill-allokazzjoni finanzjarja dan il-proġett mhux fattibbli. Is-Sindku semma l-possibilta' ta' self mill-bank u qal li jrid jieħu konsulenza legali fuq il-proċess u jekk dan hux possibbli.

**54.6 FESTIVAL AGRARJU U TAL-PATATA 2023**

**54.6.1** Is-Sindku qal li peress li l-Viċi Sindku li kien inkarigat mill-organizzazjoni ta' din l-attivita' illum huwa assenti. Din il-materja ma tistax tiġi diskussa fid-dettall anka peress li għad m'hemmx kwantifikazzjoni u dettalji tal-ispiża. Is-Sindku qal li qegħdin magħfusin bil-ħin u hemm bżonn laqgħa mill-iktar fis u mhux nistennew seduta oħra.

**54.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**54.7.1** Il-Kunsillier Charles Zerafa semma il-bżonn ta' sleeping police f'diversi toroq fi Triq il-15 t'Awissu u Triq il-Kurat Mizzi fost oħrajn.

**54.7.2** Is-Sindku semma li kellu laqgħa dwar building construction regulations fejn issemmew diversi regolamenti dwar hoarding u bankini temporanji obbligatorji għall-iżviluppatur. Is-Sindku semma każijiet partikolari fejn dawn ma' ġewx implimentati u allura jkun hemm 'two ways two measures'.

**54.7.3** Il-Kunsilliera Marion Parnis semmiet li kien hemm żewġ sleeping police fi Triq Mons. Depiro li m'għadhomx hemm. Is-Sindku qal li dawn inqalgħu mill-Kunsill għax iktar kienu qed joħolqu problemi milli soluzzjonijiet. Hu qal li ikun hemm każijiet fejn l-ewwel jintalbu imbgħad isiru inkonvenjent għal diversi raġunijiet. Is-Sindku qal li f'każijiet fejn hemm talba għal sleeping police, għandha tinġabar petizzjoni mir-residenti qabel tiġi ikkunsidrata. Il-Kunsilliera Parnis qalet li m'hemmx infurzar rigward veloċita eċċessiva.

**54.7.4** Is-Sindku qal li l-issue tal-veloċita fis-sewqan eċċessiva reġgħet tqajmet ma' laqgħa ma' Transport Malta fejn proponew road safety report. Is-Sindku semma wkoll nuqqas ta' dawl jew dawl ma jaħdimx fejn hemm pedestrian crossings. Is-Sindku qal li sleeping police haw resistenza għalihom minn residenti għax għalkemm ħafna jaħsbu li huma s-soluzzjoni, ħadd ma jridhom quddiem biebu.

**54.7.5** Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet jekk vetturi bil-'Y' plates jistgħux jokkupaw parkeġġi. Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu ma jistgħux iżda propona li min qed jilmenta jista' jikkuntattja direttament mal-Pulizija dwar dan.

## 54.8 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**54.8.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar il-ħlas tal-pots peress li dawn kellhom ikunu finanzjati. Is-Sindku qal li l-kont jitħallas mill-Kunsill, imbgħad isir claim għal rimbors.

**54.8.2** Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

## 54.9 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

**54.9.1** Il-laqgħa intemmet fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 t'April 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 25t'April 2023

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv